# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 3001

**Kaz Nru: 3754/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Christina Pia-Lena Olofsson (204141A)**

**u**

**Catena Media plc (C70858) u Catena Operations Limited (C62481)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 5 ta' Ġunju, 2024**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Christina Pia-Lena Olofsson fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-30 t'April 2019, fejn sostniet li l-impjieg taghha kien gie terminat b'mod ingust u fejn it-terminazzjoni m'huwiex minnu li kienet rizenja. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret fi zmien ta' prova.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm sittax-il seduta (16) fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll

ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi u anke kagun tas-sitwazzjoni kif zvilluppat minhabba l-pandemija Covid-19.

- **Rapprezentanza**

Christina Pia-Lena Olofsson li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assitenza ta' l-Avv. Christina M. Laudi u l-Avv. Antonio Depasquale.

Catena Media plc u Catena Operations Limited li minn issa l-quddiem ser jissejjhu s-socjetajiet ntimati kienu rapprezentati fil-bidu mill-Avv. Karl Briffa, u aktar tard mill-Avv. Ian Vella Galea u milll-Avv. Ann Bugeja.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata bhala *Group CFO* ma' Catena Operations Ltd in segwitu ta' kuntratt bit-titolu '**Employment Agreement'** effettiv mit-8 ta' Jannar 2018 u li kien iffirmat mill-Appellanti u Robert Andersson *CEO* ta' l-istess Catena Operations Ltd.

Kuntratt iehor ta' xoghol ukoll bit-titolu '**Employment Agreement'** gie ffirmat bejn l-Appellanti u Per Hellberg '*for and on behalf of'* Catena Media PLC. Tali kuntratt jindika t-18 t'Awwissu 2018 bhala l-'*commencement date'*, u fejn fih jinghad li '**The period of continuous employment commenced on 8 January 2018**'.

Nhar l-4 ta' Jannar 2019, Per Hellberg informa lill-Appellanti permezz ta' ittra fejn ghamel referenza ghall-kuntratt tax-xoghol taghha ma' Catena Media PLC, li l-impjieg taghha kien qed jigi terminat '*during the probation*

*period of one (1) year, which period is established in terms of Maltese law'*, u fejn indika s-7 ta' Jannar 2019 bhala l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Per Hellberg** permezz ta' affidavit beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa gie appuntat bhala *CEO* ta' Catena Media Plc f'Gunju 2018, fejn kellu jigi jahdem f'Malta peress li l-*Head Office* tal-grupp kien jinsab hemm. Huwa qal li huwa m'ghadux jahdem ma' Catena. Huwa qal li l-kumpanija f'Malta hija *listed* gewwa ma' NASDAQ li *Stockholm Stock Exchange*. Huwa stqar li huwa ma kienx involut fin-negozjar tal-kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti izda kien il-predecesur tieghu.
Huwa qal li meta huwa beda l-impjieg tieghu mall-kumpanija, l-Appellanti Christina Pia-Lena Olofsson li kienet tokkupa l-kariga ta' *Group CFO* ma kinitx allokata f'Malta u meta ndaga fuq dan l-istat ta' fatt, is-*CEO* ta' qablu kien qallu li l-presenza taghha fl-Isvezja kienet wahda temporanja sakemm hija taghmel l-arrangamenti necessarji sabiex tigi Malta.

Huwa spjega li mir-*records* tal-kumpanija, l-kumpanija kienet iffirmat zewg kuntratti ta' xoghol ma' Olofsson, wiehed fit-18/05/2017 u t-tieni wiehed gie ffirmat fid-09/03/2018. Huwa kompla li l-ewwel kuntratt kien jaghmilha cara li hija kellha tirriloka f'Malta u sa dak it-tant tkun bazata fl-Isvezja.
F'dan il-kuntest huwa stqarr li t-tieni kuntratt tax-xoghol kien sar sabiex hija (l-Appellanti) setghet tibqa' thallas t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjoni tas-sigurta' socjali fl-Isvezja ghall-perjodu li kienet qed tahdem mill-ufficini gewwa l-Isvezja qabel tirriloka f'Malta. Huwa sahaq li kien naturali li galadarba s-*CEO* kien ser ikun allokat f'Malta, l-Appellanti kellha tirriloka f'Malta wkoll lejn l-istess zmien.
Ix-xhud kompla li l-ewwel kuntratt kien jipprovdi principji generali fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-Appellanti, xorta kien hemm xi dettalji li kellhom jigu rrangati, dettalji li huwa tkellem u sar qbil dwarhom ma' l-Appellanti.
Ix-xhud qal li l-*HR Team* kien ha hsieb jiddraftja l-kuntratt emendat kif maqbul, izda kien infurmat minn Fiona *Head HR* li l-Appellanti ma kinitx

qed taqbel mad-*draft* u li l-Appellanti kienet ipproduciet kuntratt iddraftjat mill-konsulent legali taghha, kuntratt li kien gie ffirmat nhar l-20/09/2018. Huwa stqarr li ghalih dan kien stramb, ghaliex normalment ikun l-HR li jiddraftja l-kuntratt tax-xoghol u mhux bil-kontra. Huwa qal li kienet l-Appellanti li riedet li l-HR ma jkunux involuti sabiex ma jkunux jafu dettalji fil-kuntratt specjalment *remuneration details*.
Ix-xhud stqarr li fl-ebda mument tad-diskussjoni li kellu ma' l-Appellanti ma kien gie maqbul li l-kuntratt kellu jeskludi z-zmien tal-prova (*probation period*).
Huwa qal li l-kumpanija dejjem kellha *probation policy* anke ghall-gradi ta' *Senior Management*, tant li anke hu kellu dan il-provediment fil-kuntratt tax-xoghol tieghu, li kien gie ffirmat qabel dak tal-Appellanti.
Ix-xhud qal li l-impjieg ta' l-Appellanti kien gie mitmum nhar l-04/01/2019, u cjoe' waqt il-perjodu ta' sena *probation*.
Ix-xhud qal li bhala *CEO* kien ikun involut b'xi mod ma' NASDAQ matul is-snin.
Huwa qal li l-Appellanti llum tahdem bhala *CFO* ma' Cibus Nordic Real Estate u dan sa mit-08/05/2019.

**Fiona Ewins Brown** permezz ta' affidavit bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-kariga ta *Chief HR Officer* ma' Catena Media Plc. Hija qalet li qabel kienet tokkupa l-grad ta' *Head HR*. Hija tenniet li ilha tahdem mall-kumpanija sa minn Settembru 2015. Ix-xhud qalet li hija responsabbli mir-rizorsi umani tal-grupp u kienet involuta fl-iddraftjar ta' kuntratti ta' xoghol ta' l-Appellanti.
Hija stqarret li kienet taf li l-Appellanti kienet issiehbet mall-kumpanija fit-08/01/2018. Fir-rigward tal-kuntratt tax-xoghol inizjali li kien gie ffirmat fit-18/07/2017, id-data tal-ingagg tal-impjieg li kienet tindika 08/01/2018, kienet anke riflessa fl-ahhar kuntratt tal-20/09/2018.

Ix-xhud stqarret li anke taf li kien kontemplat li sakemm l-Appellanti tirriloka f'Malta hija kienet ser tahdem min gewwa l-Isvezja ghall-perjodu transitorju. Hija kompliet li matul dan il-perjodu l-Appellanti u l-Kumpanija kienu ffirmaw kuntratt iehor datat 09/03/2018 li kien applikabli ghal dan il-perjodu transitorju sakemm hija (l-Appellanti) tirriloka f'Malta. Ix-xhud sahqet li l-intenzjoni kienet li dan il-kuntratt

ikun wiehed temporanju u sar sabiex ikunu facilitati certu formalitajiet fiskali rizultanti mill-fatt li matul dak il-perjodu l-Appellanti kienet qed tahdem u tithallas fl-Isvezja.
Ix-xhud qalet li apparti li l-kuntratti kienu juru l-intenzjoni li l-Appellanti kellha tkun allokata f'Malta, hija (l-Appellanti) stess kienet bdiet taghmel l-arrangamenti dwar akkomodazzjoni u sabiex uliedha jattendu skola f'Malta u dan sa minn qabel bdiet tahdem fit-08/01/2018. Hija tenniet li fil-fatt l-Appellanti kienet iffinalizzat ftehim ghall-kiri ta' propjeta f'Malta fit-08/06/2018.
Ix-xhud qalet li meta d-data tar-rilokazzjoni f'Malta tal-Appellanti aktar bdiet tidher cara, kien gie ddraftjat kuntratt ta' xoghol li kien jirrifletti l-lokazzjoni taghha. Ix-xhud tenniet li ghalkemm il-kundizzjonijiet generali tal-impjieg kienu baqghu l-istess bhal ma' kien fih il-kuntratt tat-18/07/2017, ghalkemm kien hemm qbil fuqhom fil-principju dwar beneficcji u *allowances*, dawn riedu jigu kwantifikati qrib id-data tar-rilokar. Ix-xhud qalet li ftehim dwar dawn gibed fit-tul ghaliex l-Appellanti kienet pjuttost puntiljuza, sakemm tali ftehim kien gie ffirmat fl-20/09/2018.
Hija, filwaqt li tenniet li matul dawn id-diskussjonijniet qatt ma saret referenza ghall-eskluzjoni tal-perjodu ta' *probation,* hija stqarret li l-kumpanija dejjem tapplika l-perjodu ta' *probation* anke fir-rigward ta' gradi ta' *Senior Management*. Ix-xhud qalet li l-impjieg tal-Appellanti gie mitmum nhar l-04/01/2019 matul il-*probation period* ta' sena.

**Mathias Hermansson** permezz ta' affidavit xehed li bejn l-*AGM* ta' Mejju 2016 u dak ta' Mejju 2018 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur fil-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta' ntimata u membru f'xi kumitati ta' Catena Media. Huwa qal li kien jokkupa dawn il-karigi meta l-Appellanti kienet fl-impjieg u dam jokkupa dawn il-karigi sa ma telaq madwar sentejn ilu. Huwa qal li fis-sajf tal-2016 kien huwa li kien mexxa n-negozjati f'isem Catena Media ma' Pia-Lena Olofsson fir-rigward tal-posizzjoni ta' *CFO* ta' Catena Media.
Ix-xhud tenna li filwaqt li l-kumpanija hija llistjata pubblikament gewwa l-Isvezja, l-*Head Office* taghha flimkien mall-*Financial Team* shih huwa allokat gewwa Malta. Dan ifisser b'mod car ghall-Appellanti kompla x-xhud li l-impjieg kien jirrikjedilha li tigi toqghod f'Malta u li dan kien

stipulat b'mod car fil-kuntratt tax-xoghol taghha. Huwa tenna li ma jiftakarx li kien hemm xi konversazzjoni ma' KPMG minhabba diffikultajiet sabiex jigi ngaggat xi hadd f'dik il-kariga sabiex ikun allokat f'Malta.

Ix-xhud spjega li NASDAQ Sweden ma ghandhom l-ebda veduta dwar fejn ikun allokat persuna meta tkun impjegata, u f'dan il-kuntest ma jafx li NASDAQ Sweden kellhom xi nteress fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-Appellanti f'Malta.

Huwa qal li l-kumpanija tifhem li l-fatt li persuna tirriloka ruhha f'pajjiz barrani tkun tfisser bidla sinifikanti ghall-familja u huma kienu jaghtu zmien sufficjenti sabiex l-Appellanti taghmel l-arrangamenti taghha sabiex tigi Malta b'mod ordnat.

Ix-xhud qal li huwa kien imdahhal fl-ewwel kuntratt tax-xoghol li kien gie ffirmat f'Malta ma' Catena Operations in Malta. Dwar it-tieni kuntratt tax-xoghol, ix-xhud stqarr li ma kienx involut ghalkemm ra kopja tieghu u li sa fejn jaf hu kien sar gewwa l-Isvezja.

Ix-xhud qal li d-diskussjonijiet bejnu u l-Appellanti dwar it-termini u kundizzjonijniet tax-xoghol kienu estensivi meta jkun ikkunsidrat li kien jinvolvi li l-familja kollha taghha kellha tigi Malta.

B'mod partikolari waqt id-diskussjonijiet sar accenn dwar it-telfien finanzjarju u l-pensjoni ta' zewgha.

Huwa qal li waqt dawn id-diskussjonijiet kien konxju li l-Appellanti kienet ser tirrizenja minn impjieg li hija kellha sabiex tkun ingaggata ma' Catena.

Huwa stqarr li matul dawn id-diskussjonijiet qatt ma saret xi referenza sabiex jigi mnehhi l-*probation period*, prattika li l-kumpanija tadotta mall-impjegati kollha. Ix-xhud qal li ma jafx li kien hemm xi mpjegati fi gradi gholjin li ma nghatawx *probation period* u m'huwiex konxju li NASDAQ ghandha xi *issues* dwar li *probarion period* jinghata lill-impjegati fi gradi gholjin.

Ix-xhud sahaq illi kundizzjoni ewlenija marbuta mall-impjieg ittrattat kienet li min jokkupah ikun irid jopera minn Malta. Huwa qal li fid-diskussjonijiet li huwa ha sehem fihom fuq dan il-fatt ma kienx hemm negozjati, izda kien hemm biss negozjar dwar il-kumpens.

Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu il-kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti kien jispecifika li hija kellha tkun rilokata f'Malta. Huwa qal li jifhem li dan kellu jkun fuq medda ta' zmien sabiex hija tkun tista' taghmel l-arrangamenti necessarji peress li kellha l-familja. Huwa kompla li jahseb li d-*draft* tal-kuntratt kien sar mill-*Head Legal* u s-*CEO*. Huwa tenna li fid-diskussjonijiet qatt ma gie diskuss il-*probation period*.
Ix-xhud spjega li l-*Head Office* tal-kumpanija kien f'Malta, fejn anke kien jopera l-*Financial Team* li tieghu l-Appellanti kienet ser tkun il-*Head*.
Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu l-konnessjonijiet tal-*Financial Team* ma' NASDAQ huwa fil-hrug u tqassim tal-*Quarterly Reports*. Huwa tenna li sa fejn jaf hu l-FT qatt ma jkollu kommunikazzjonijiet diretti ma' NASDAQ Sweden. Huwa qal li okkazjonalment f'cirkostanzi normali is-*CFO* ikollu kommunikazzjoni ma' NASDAQ Sweden.

**Per Anders Henrik Persson Ekdahl** permezz ta' affidavit qal li f'Ottubru 2017 huwa kien appuntat *Acting CEO* u dan sa Gunju 2018.
Huwa qal li matul dak il-perjodu kien ha r-responsabilita' minghand ic-*CEO* ta' qablu li kien beda r-reklutagg u kien jahdem f'kollegament mall-*Project Manager* Mathias Hermansson u mac-*Chairman* Kathryn Moore Baker fin-negozjati u l-iffinalizzar tad-diskussjonijiet ma' l-Appellanti fir-rigward tal-ingagg taghha bhala *CFO* minflok Mr. Vensel il-persuna li kienet irrizenjat.
Ix-xhud sahaq li fid-diskussjonijiet ma' l-Appellanti kien maghmul car li l-operat tal-kariga ta' *CFO* kellu jsir minn Malta fejn il-kumpanija kellha kemm il-*Head Office* u anke d-dipartiment tal-finanzi li kien jikkomprendi 25 persuna.
Huwa kompla li l-Appellanti f'Novembru 2017 kienet hadet sehem f'laqgha mall-Bord tal-kumpanija li kienet saret f'Malta u dan qabel ma dahal fis-sehh l-impjieg taghha f'Jannar 2018.
Huwa qal li kien f'dak iz-zmien li l-Appellanti kienet bdiet taghmel l-arrangamenti taghha bhal kuntatti ma' *real estate brokers*, tara appartamenti u skejjel in konnessjoni mall-irrilokar tal-familja taghha f'Malta, aktar tard matul l-2018.
Huwa tenna li l-Appellanti ma kinitx qabdet tahdem mill-ewwel f'Malta u dan minhabba s-sena skolastika tat-tfal, izda kien gie maqbul li ghal perjodu temporanju tahdem mill-Isvezja.

Huwa qal li in konnessjoni ma' dan l-arrangament kien sar kuntratt tax-xoghol gdid bejn l-Appellanti u kumpanija svediza sabiex mil-lat amministrattiv ikunu facilitati l-pagamenti ta' taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali.
Huwa sahaq li din il-koncessjoni kienet inghatat bhala mizura temporanja u bil-kundizzjoni li l-Appellanti kellha tigi Malta spiss qabel tirriloka b'mod permanenti.
Huwa tenna li matul iz-zmien li kien *Acting CEO* l-intenzjoni taz-zewg partijiet matul id-diskussjonijiet tal-impjieg minn dejjem kienet li x-xoghol isir minn Malta u l-kuntratt ikun regolat mil-ligi Maltija, u li sa fejn jaf hu l-uniku rwol taghha kien dak ta' Catena Media *CFO*.
Huwa qal li hija prattika normali fil-kumpanija li *senior positions* ikunu suggetti ghal *probation period*, izda ma jiftakarx b'mod specifiku jekk Andreas Vensel u Asa Hillston kellhomx *probationary period* fil-kuntratt tax-xoghol taghhom.
F'dan il-kuntest ix-xhud stqarr li responsabbli ghall-iddraftjar tal-kuntratti jkun il-*Head Legal* u li huwa ma jkunx involut.
Ix-xhud qal li bhala '*a listed company in Sweden*', il-kumpanija fuq suggetti varji kienet tkun awditjata mill-*Swedish Stock Exchange*. Huwa tenna li ma jafx jekk tali *Stock Exchange* tawditjax '*employment agreements'*.

**Louise Wendel** permezz ta' affidavit xehdet li hija tokkupa l-kariga ta' *Head of Legal (General Counsel)* mas-Socjeta' ntimata u dan sa minn Settembru 2016. Hija qalet li fl-2017 il-kumpanija bdiet tfittex li timpjega *Group CFO* gdid peress li dak li kien jokkupa din il-kariga kellu jirriloka fl-Isvezja minhabba ragunijiet familijari.
Hija qalet li t-tfittix l-ingagg tas-*CFO* il-gdid hadha f'idejh il-Bord li min-naha tieghu ntriga lill-agenzija tar-reklutagg Alumni li hija bazata fi Stokkolma. Hija tenniet li hija kienet tiehu sehem fir-reklutagg ta' mpjegati, kienet ukoll tkun involuta fl-iddraftjar u '*review*' tal-kuntratti pero' ma kinitx tkun involuta fin-negozjar ta' tali kuntratti. Hija stqarret li fir-reklutagg tas-*CFO* hija ma kinitx involuta. Hija tenniet li fir-reklutagg ta' *CEO* u *CFO* kienet tkun f'idejn il-Bord tal-kumpanija. Hija stqarret li tiftakar li kienet ghamlet *review* tal-kuntratt tal-Appellanti. Hija qalet li tiftakar li kien hemm xi ftit tibdiliet pero' s-salarju kien deciz u li kien importanti ghall-kumpanija li f'Malta jkollha *CEO*, fejn hija sostniet

li ma kienx qed ikun facli li jsibu persuna li tkun familjari ma' '*Swedish reporting*' u jkun lest li jkun rilokat f'Malta, izda l-Appellanti riedet li tkun rilokata f'Malta flimkien mall-familja taghha.
Ix-xhud stqarret li *Swedish Stock Exchange* ma jidhlux la fir-reklutagg ta' *CFO* u lanqas ma jaghmlu xi awditjar jew *review* tal-kuntratt tax-xoghol.
Hija sostniet li peress li Catena Media Plc hija kumpanija Maltija, l-ufficcju ewlieni, l-Kap Ezekuttiv u d-Dipartiment tal-Finanzi b'madwar 30 persuna ikun jopera minn Malta, bil-post ta' *CFO* gdid ikun f'Malta wkoll.
Hija kompliet li dan il-post minn dejjem kien jopera minn Malta.
Hija qalet li fir-rwol taghha ta' *Head of Legal* b'kollaborazzjoni mat-*team* taghha rrevediet diversi kuntratti ta' xoghol ghall-kumpanija u sostniet li hija prattika tal-kumpanija li l-*probation period* ma jkunx eskluz ghal-livelli kollha tal-impjegati nkluz dak manigerjali. Hija semmiet bhala ezempji dak ta' *CEO* u ta' *Deputy COO* li fil-kuntratt taghhom il-*probationary period* m'huwiex eskluz.
Ix-xhud qalet li qabel il-'Kuntratt tal-Impjieg Malti', precedentament, l-Appellanti kellha kuntratti ta'xoghol ohra ma' Catena Group li kienu in konformita mal-ligi svediza.

**Kathryn Moore Baker** permezz ta' affidavit xehdet li hija tokkupa l-post ta' *Chairperson* ta' Catena Media plc u dan sa mill-20 ta' Mejju 2016. Hija stqarret li fl-2017 kienet involuta fir-reklutagg ghall-posizzjoni ta' *CFO* tal-kumpanija. Hija tenniet li sa mill-bidu tal-process ta' reklutagg kien maghruf li rekwizit ghall-kariga kien li l-persuna maghzula trid topera minn Malta fejn jinsab il-*Head Office*, s-*CEO* u d-Dipartiment tal-Finanzi.
Hija qalet li l-kumpanija kienet talbet l-assistenza tal-agenzija tar-reklutagg svediza 'Alumni' sabiex isir dan l-ingagg.
Hija qalet li r-rekwizit riferut kien inserit fil-*brief* li kien gie ppreparat mill-kumpanija Alumni.

**Christina Pia-Lena Olofsson** permezz ta' affidavit bdiet ix-xhieda taghha billi stqarret li l-kuntratt datat 18/07/2017 ma kienx kuntratt tax-xoghol ufficcjali izda kien meqjus bhala wiehed temporanju sakemm dak permanenti datat 14/12/2017 jigi finalizzat.
Hija sostniet li dan kien car ghaliex dan kien jindika li hija kienet impjegata bhala *Operational CFO* ma' Catena Operations Ltd., u mhux

*Group CFO* ma' Catena Media Ltd., kif hemm fil-kuntratt tax-xoghol ewlieni datat 14/12/2017.
Hija sostniet li kien hemm raguni ghal dan l-istat temporanju tal-affarijiet', u dan ghaliex Catena ma riedux jaghtu ndikazzjoni li kien ser ikun hemm bidla fil-lista tal-posizzjoni manigerjali minhabba *Surveillance Report* minghand Nasdaq Stockholm. Hija sosniet li Catena ma riedux juru lil Nasdaq li kienu ser jaghmlu bidla fil-posizzjoni ta' *CFO* peress li s-*Surveillance* kien *'questioning their actions'*. Hija sahqet li Catena riedu jkunu *listed* fuq MidCap u sabiex dawn ikunu jidhru li *Surveillance* ikunu kuntenti bihom. Ix-xhud sostniet li kien fl-interess ta' Catena li dan il-kuntratt temporanju jinholoq. Hija tenniet li sabiex tkun impjegata persuna bhalha u cjoe' fil-kariga ta' *CFO* kien ikun mehtieg tinhareg *Press Release*, li awtomatikament kienet turi lil Nasdaq li kien ser ikun hemm bidla ohra fil-lista manigerjali ta' Catena, xi haga li Nasdaq ma kienux ser ikunu kuntenti biha.
Ix-xhud qalet li raguni ohra ghaliex kien sar dak il-kuntratt tax-xoghol temporanju kien ghaliex hija kellha *notice period* x'tezawrixxi ma' Collector Bank AB u riedet tkun f'posizzjoni ta' konfort li tirrizenja mill-kariga ta' *CFO* u *Head of IR* mall-istess bank u fejn allura kien mehtieg ikun hemm xi forma ta' kuntratt bil-miktub. Hija sahqet li kien car li aktar il-quddiem kuntratt gdid kellu jkun maghmul bir-rwol korretta fi hdan il-kumpanija svediza Catena Media.
Hija qalet li l-process tar-reklutagg taghha ha madwar sena u matula n-negozjati kienu kontinwi, fejn saru tibdiliet ghall-*vacancy* fir-rigward tal-lok min fejn kellha tkun imwettqa din ir-rwol. Hija qalet li Catena ma setghu jsibu lil hadd li kien lest jigi jahdem Malta u ghalhekk din li jigi jahdem minn Malta ma baqghetx aktar tintalab bhala rekwizit ghall-impjieg.
F'dan ir-rigward ix-xhud siltet mill-KPMG *Survellance Report*:
'*How does the management work based on routines described in the listing*?
U fejn ir-risposta kienet:
'*The management work on the basis of the routines described in the listing is largely unchanged with the exception that the CFGO and the new IR manager are not based in Malta but follow and lead the business partly remotely from Sweden but participate in physical meetings at the Head Office in Malta approximately every second week. The Company has departed from previous*

*requirements for the management team to be based in Malta as part of the international expansion and to tackle staff turnover and difficulties in the recruitment process*.'

Ix-xhud sostniet li kieku kien hemm in-necessita li r-rwol taghha jkun allokat f'Malta sa mill-bidu dan kien ikun illistjat fir-rapport.

Hija wara ghaddiet sabiex taghti dettallji shah ta' kuntatti ma' Mathias Hermansson sakemm waslu ghall-kuntratt temporanju fejn mumenti minnhom kienet qed issir konsiderazzjoni li hija u Asa Hillsten ikunu ngaggati bhala konsulenti.

Hija qalet li kien wara dan li Catena Media u Hermansson hargu bl-idea li hija kellha tigi mpjegata ma' Catena Media Operations Ltd., bhala *Operational CFO.* Hija kkwotat korrispondenza f'dan ir-rigward ma' Hermansson datata 17/07/2017.

Ix-xhud wara ghamlet referenza ghall-kuntratt ta' xoghol datat 14/12/2017 mall-kumpanija svediza Catena Media Sverige AB bhala *GFO* fl-liema kuntratt hemm indikat li hija setghet tkun rilokata gewwa l-*HQ* f'Malta, Londra, Stokkarda jew f'xi lokazzjoni ohra. Hija sostniet li meta kien gie miktub dan il-kuntratt ir-rilokazzjoni taghha jew id-destinazzjoni finali ma kinitx ghadha deciza. Hija qalet li fil-kaz ta' Asa Hillsten hija kienet giet rilokata gewwa Londra u fil-kuntratt ma kellhiex *probation period*.

Hija kompliet li eventwalment Catena Media riedu li hija tkun rilokata barra l-Isvezja ghal ragunijiet fiskali relatati mall-kumpanija. Hija sostniet li r-raguni tar-rilokazzjoni ma kelliex x'taqsam maghha personali izda aktar ghall-beneficcju tal-kumpanija minhabba ragunijiet ta' taxxa, u fejn allura kien ukoll jaqbel ghal Catena li hija tkun allokata fil-*Head Office* f'Malta. Hija qalet li hi riedet li tibda l-impjieg taghha gewwa l-Isvezja qabel tigi bil-familja f'Malta. F'dan il-kuntest hija ghamlet referenza ghal Klawsola 2, 3 tal-kuntratt tax-xoghol malti fejn jinghad li hija setghet terga' tmur lura l-Isvezja meta riedet.

Hija sostniet li kien Henrik Persson Ekdahl li kien innegozja u tkellem dwar il-kuntratt taghha mar-*Remuneration Committee* u li Per Hellberg u Fiona Brown ma kienux involuti. Hija ghamlet referenza ghall-ittra datata 08/06/2018 dwar dan.

Hija qalet li f'dak iz-zmien hija ma kellhiex avukat taghha u pariri legali nghatawlha minn Tania Tandon li kienet avukatessa ngaggata ma' Catena

Media. Ix-xhud qalet li kienet Tandon li ddraftjat il-kuntratti tax-xoghol taghha u ta' Asa Hillsten.
Hija sostniet li l-unici punti li kien hemm differenti fiz-zewg kuntratti kienu li ta' Hillsten kien abbinat mal-legislazzjoni Ngliza filwaqt li taghha kien jorbot mal-legislazzjoni Maltija. Ukoll li f'ta' Hillsten ma kienx fih *probationary period.*
Ix-xhud ghamlet ukoll referenza ghall-korrispondenza ta' Per Hellberg datata 15/09/2018 fejn dan josserva b'certu xetticizmu li ghal xi raguni l-*HR* f'Malta jidher li ma rax il-kuntratti riferuti. F'dan l-istant hija regghet ghamlet referenza ghal fatt li fil-kuntratt svediz ma kienx hemm indikat *probationary period*.
Hija tenniet li galadarba Catena Media ma onorawx l-obbligi kontrattwali u hallewha b'gimgha salarju fejn riedet thallas il-kera u l-mizata ta' l-iskola ta' wliedha ma kellhiex ghazla ohra ghajr li issib impjieg gdid bhala CFO propju ma' Cibus Nordic.
Hija rreferiet ghas-sitwazzjoni finanzjarja ta' Catena Media bhala wahda xejn felici.

Ix-xhud permezz ta' affidavit ipprezentat opinjoni legali li hija kienet kisbet minghand Pia Nyblaeus dwar '*the concepts of probationary periods in employment contracts under Swedish law*', u dan b'referenza partikolari tal-kuntratt tal-impjieg li dahlet fih nhar l-14 ta' Dicembru 2017.

**Lena Apler** permezz ta' affidavit xehdet li hija hi l-fundatrici ta' Collector Bank. Hija qalet li hija l-*Board Chairman* u *CEO* ta' Collector AB u ta' Collector Bank AB. Hija pprezentat *performance overview* posittiv hafna fir-rigward tal-Appellanti meta din kienet impjegata bhala *Group Chief Accountant* u wara *CFO* tal-Bank.

**Tania Tandon** bdiet ix-xhieda taghha billi stqarret li fl-2018 bhala *Employment Lawyer* kienet ikkuntatjata sabiex ghan-nom ta' Catena Media taghmel iccekkjar fuq il-kuntratt ta' mpjieg fir-rigward tal-Appellanti li dak iz-zmien kienet ser tkun rilokata f'Malta mill-Isvezja. Hija qalet li l-kuntratt kien jinkludi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg u li kien jinkludi klawsoli addizzjonalinli li kienu jiriflettu r-rilokazzjoni. Ix-xhud tenniet li ma tiftakarx li kien hemm xi bidliet ghall-*vacancy* li l-Appellanti

kellha ghajr ghar-rilokazzjoni. Hija tenniet li l-intenzjoni tal-impjieg tal-Appellanti kienet li din taqdi d-doveri taghha minn Malta. Hija stqarret li mhiex kwalifikata li taghti pariri dwar il-Ligi tax-Xoghol Maltija.

**Asa Hillsten** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li kienet giet reklutata ma' Catena Media fl-2017 flimkien mall-Appellanti u llum tokkupa l-kariga ta' *Head IR & Communication*, izda x-xoghol propju kienet bdietu f'Jannar 2018. Hija qalet li hadmet mall-Appellanti ghall-perjodu twil fuq progetti varji u tqiesha bhala wahda eccellenti. Hija qalet li fil-process ta' rekutagg taghha kien hemm zewg persuni minn Catena, wiehed li kien Membru fil-Bord u Passion li dak iz-zmien kien *CEO* ta' Catena Media.
Ix-xhud qalet li bhala sigurta' ta' mpjieg, qabel irrizenjat minn ma' Collector Bank kemm hi u anke l-Appellanti kienu ffirmaw kuntratt temporanju u f'Dicembru 2017 kien gie ffirmat il-kuntratt formali qabel beda l-impjieg.
Hija wara rreferiet ghal zewg kuntratti, bl-ewwel wiehed ikun iffirmat ma' Catena Media Operations li kienet ibbazata f'Malta. Wara hija rreferiet ghall-'kuntratt attwali' li beda f'Jannar 2018 u li forsi kien ma' Catena Media Sweden.
Ix-xhud stqarret li sa mill-bidu Catena riedu li hi u l-Appellanti jigu Malta jew f'xi ufficcju iehor, izda huma ma riedux, ghaliex attwalment kienu bazati fl-Isvezja u hemm kienu bdew il-posizzjoni taghhom. Hija qalet li meta kienu bdew l-impjieg huma kienu bazati u kienu jhallsu t-taxxa fl-Isvezja. Hija qalet li wara li kienu gew reklutati hija kienet rilokata fir-Renju Unit u l-Appellanti f'Malta.
Hija spjegat li meta kienet rilokata fl-UK, kienu saru xi emendi fil-kuntratt taghha sabiex dan ikun jirrifletti xi ziediet ghall-fatt li kienet qed tghix f'pajjiz barrani bhal spejjez ta' skola ghat-tfal u akkomodazzjoni.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Ian Vella Galea** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi ghamel referenza ghall-kuntratti tax-xoghol li l-Appellanti ffirmat mas-Socjetajiet intimati, fejn huwa ndikat li dawn '*shall be governed by and constured and enforced in accordance with and subject to the Laws of Malta*'.

Huwa spjega li filwaqt li l-ahhar kuntratt tax-xoghol '*supersedes any prior agreement*', dan huwa sieket dwar il-perjodu ta' *probation* u ma jeskludihx.
L-Avv. Vella Galea qal li l-fatt li l-appellanti kienet tokkupa l-kariga ta' Group Chief Financial Officer, u cjoe' posizzjoni ezekuttiva/manigerjali u fejn is-salarju taghha kien aktar mid-doppju tal-paga minima nazzjonali, allura hija kienet suggetta ghall-perjodu ta' *probation* ta' sena.
F'dan il-kuntest huwa sostna li meta l-impjieg taghha kien gie mitmum nhar is-7 ta' Jannar 2019, dan kien fit-terminu tal-*probation*.
L-Avv. Vella Galea temm billi qal li meta fl-4 ta' Jannar 2019, meta l-Appellanti kienet giet infurmata kemm li l-impjieg taghha kien ser jigi mitmum u anke bid-data tat-terminazzjoni, hija kienet mgharrfa wkoll li qed tinghata gimgha *notice*, kif stipulat fil-Ligi.

**Avv. Antonio Depasquale** ghan-nom tal-Appellanti beda billi qal li l-fatt li l-kuntratt tax-xoghol taghha ma kienx jistipula perjodu ta' *probation* u wkoll tal-fatt li waqt id-diskussjonijiet li l-Appellanti kellha mall-Kumpanija l-*issue* tal-*probation* qatt ma giet mithaddta, dan ghandu jitqies li kien hemm ftehim tacitu anke jekk mhux miktub, li l-impjieg ma kienx suggett ghall-perjodu ta' *probation*.
Allura, sostna l-Avv. Depasquale meta r-raguni li l-Appellanti nghatat li l-impjieg taghha kien qed jigi mitmum a bazi li hija kienet ghadha waqt il-perjodu ta' *probation*, din ma kinitx raguni valida ghaliex *probation* ma kienx hemm.
L-Avv. Depqasquale rrefera wkoll li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet saret bi vjolazzjoni tal-kuntratt tax-xoghol ghaliex ma gietx rispettata l-klawsola fl-istess kuntratt fejn kien hemm indikat li terminazzjoni tal-impjieg trid issir, irid jinghata 6 xhur notice period. Vjolazzjoni li sehhet sahaq l-Avv. Depasquale meta l-Appellanti nghatat biss gimgha notice.
L-Avv. Depasquale temm bill qal li l-mod kif gie terminat l-impjieg tal-Appellanti kien ingust kemm ghaliex sar bi vjolazzjoni kemm tal-ligi u anke tal-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kinitx wahda ngusta skond il-ligi. Dan ghamlu billi

analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet.

Min-naha tal-kumpanija gie sostnut li l-impjieg gie terminat fil-perjodu tal-*probation* ta' sena, liema perjodu huwa stabbilit fil-Ligi Maltija. Mentri min-naha tal-Appellanti gie sostnut li t-terminazzjoni kienet wahda ngusta ghaliex tali terminazzjoni saret bi ksur tal-kuntratt ta' l-impjieg u anke tal-ligi.

Minn tali analizi tal-fatti kif esposti waqt dan il-process, dan it-Tribunal jaghraf it-**8 ta' Jannar 2018** bhala d-data tal-bidu tal-impjieg tal-Appellanti u dan b'referenza ghall-*Employment Agreement* maqbul bejn u ffirmat mill-partijiet fejn jinghad li '**The period of continuous employment commenced on 8 January 2018**'.

Dan it-Tribunal jaghraf ukoll illi d-data tat-terminazzjoni ta' l-istess impjieg hija s-**7 ta' Jannar 2019** u dan b'referenza ghall-ittra li nghatat l-Appellanti ffirmata minn Per Hellberg ghan-nom tal-kumpanija u datata 4 ta' Jannar 2019, fejn jinghad li hija qed tinghata '**one (1) week notice of termination'** u '**your last working day with the Company shall be the 7th of January 2019**'.

L-Appellanti ssostni li t-terminazzjoni kienet wahda ngusta ghaliex:

(1) fil-kuntratt tax-xoghol taghha ma jistipulax ***probationary period*** applikabbli ghall-impjieg taghha,
u
(2) ghaliex is-6 xhur '***notice period***' f'kaz ta' terminazzjoni tal-impjieg kif stipulata fil-kuntratt tax-xoghol ma gietx rispettata.

Fir-rigward ta' l-ewwel punt dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Kap 452 Art 36 (1):

*'the first six months of any employment under a contract of service shall be probationary employment unless otherwise agreed by both parties for a shorter probation period.*
***Provided that in the case of a contract of service or collective agreement, in respect of employees holding a technical, executive, administrative or managerial posts and whose wages are at least double the minimum wage established in that year, such probation period shall be of one year unless otherwise specified in the contract of service or collective agreement'*.**

Dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju li l-kaz ittrattat jinkwadra terminazzjoni ta' mpjieg ta' persuna li kienet tokkupa kariga ezekuttiva u cjoe' dik ta' *Chief Financial Officer* u fejn is-salarju taghha kien aktar mid-doppju tal-paga minima stabbilita fl-2019.

Huwa minnu li fil-kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti ma hemm l-ebda referenza ghall-perjodu ta' *probation*, izda dan it-Tribunal jaghraf li hija prattika accettata u kompletament fil-parametri tal-ligi li meta jkun hemm nuqqas fil-kuntratt tax-xoghol tigi applikata l-ligi.

L-Art 36 (1) ma jipprekludix lill-partijiet milli jiftehmu li jeskludu l-*probationary period.* Fil-fatt jipprovdi li 'fi kwalunkwe kaz, il-perjodu ta' prova jista', **bi qbil bejn il-partijiet**, ikun iqsar'. M'huwiex kontra l-ligi li l-**partijiet jiftemhu** li ma jkunx hemm perjodu ta' prova. **Izda jrid ikun hemm ftehim**.

**Minhabba li fil-kuntratt tax-xoghol kif maqbul bejn il-partijiet ma hemm l-ebda referenza** la ghall-perjodu tal-prova, la ghad-durata tieghu u wisq anqas li tali mpjieg huwa minghajr perjodu ta' prova, allura t-Tribunal ghandu japplika dak li hemm f'Art 36 tal-Kap 452.

Fir-rigward tat-tieni punt sostnut mill-Appellanti u cjoe' li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet ingusta wkoll ghaliex is-6 xhur '*notice period*' f'kaz ta' terminazzjoni tal-impjieg kif stipulata fil-kuntratt tax-xoghol ma gietx rispettata, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Kap 452 Art 36 (2):

'***During the probationary period*** *the employment may be terminated at will by either party without assigning any reason: Provided that* ***a week's notice of termination of employment*** *shall be given to the other party in the case of an employee who has been in the employment of the same employer continuously for more than one month*'.

Tali Artiklu incitat ma jaghtiex lok lanqas li bi ftehim bejn il-partijiet, tali perjodu ta' *notice* jista' jigi mizjud jew imnaqqas. Hawnhekk ghandu japplika l-principju Latin '**ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit**', u cjoe' fejn il-ligi riedet tkellmet, fejn ma riditx baqghet siekta. Fil-parametri ta' dak li hemm fil-ligi, dan it-Tribunal iqis li l-klawsola li kien hemm fil-kuntratt tax-xoghol u cjoe' li f'kaz ta' terminazzjoni jrid jinghata 6 xhur '*notice period*', din kienet tapplika ghal x'jigri wara li jkun ghadda l-perjodu ta' *probation*.

Fl-ittra tat-terminazzjoni li l-Appellanti nghatat nhar 4 ta' Jannar 2019, hemm miktub li hija qed tinghata '**one (1) week notice of termination',** propju kif titlob il-ligi.

**Decizjoni**

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal jiddeciedi li l-licenzjament tal-Appellanti kif ittrattat f'dan il-process ma kienx ingust u lanqas bi vjolazzjoni tal-ligi u tal-kuntratt tax-xoghol bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**